

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Strateġija Ewropea għat-Teknoloġiji Ewlenin ta’ Appoġġ – Pont għat-tkabbir u l-impjiegi”

COM(2012) 341 final

(2013/C 44/15)

Relatur: **is-Sur MORGAN**

Nhar is-26 ta’ Ġunju 2012, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b’konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Strateġija Ewropea għat-Teknoloġiji Ewlenin ta’ Appoġġ — Pont għat-tkabbir u l-impjiegi

COM(2012) 341 final.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar l-4 ta’ Diċembru 2012.

Matul l-485 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-12 u t-13 ta’ Diċembru 2012 (seduta tat-12 ta’ Diċembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b’102 voti favur, 2 voti kontra u 7 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Din hija t-tieni Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-Teknoloġiji Ewlenin ta’ Appoġġ (KETs – Key Enabling Technologies). Il-KESE fassal Opinjonijiet⁽¹⁾ dwar il-Komunikazzjoni⁽²⁾ ta’ qabel f’Settembru 2010. Fiha huwa laqa’ l-enfasi tal-UE fuq it-Teknoloġiji Ewlenin ta’ Appoġġ iżda esprima riservi kbar dwar l-effettività tal-proposti minħabba d-dgħujfijiet fil-qasam tal-manifattura ta’ teknoloġija avvanzata fl-UE.

1.2 Il-punt 1.10 ta’ dik l-Opinjoni fih dawn ir-rakkomandazzjonijiet tal-KESE:

- li jiġi indirizzat il-falliment tas-suq intern milli jħeġġeġ l-intrapriża u l-iżvilupp ta’ strateġija industrijali li tindirizza d-defiċit konsiderevoli tal-Ewropa fil-kumpaniji ta’ teknoloġija avvanzata;
- li l-manifattura tinġieb lura fl-Ewropa u jiżdedu l-kumpaniji ġodda fl-Ewropa;
- li jiġi faċilitat l-aċċess tal-kumpaniji għall-finanzjament tat-teknoloġiji innovattivi;
- li jinħolqu inċentivi finanzjarji biex l-UE ssir post vantaġġu għall-innovazzjoni u l-intrapriżi fil-qasam tat-Teknoloġiji Ewlenin ta’ Appoġġ;
- li ssir riforma radikali fl-iskejjel u l-universitajiet biex dawn jipprovdu l-ħiliet meħteġa;
- li jiġu mħeġġa clusters ta’ kumpaniji innovattivi ta’ teknoloġija avvanzata bbażati fl-universitajiet u fiċ-ċentri ta’ riċerka;
- li jiġi rikonoxxut li d-dinja nbidlet u jiġu adottati politiki kummerċjali internazzjonali aggressivi;

— li jiġi żgurat li din l-inizjattiva tkun komprensiva u li tinkludi l-inizjattivi relatati kollha tad-Direttorati Ġenerali kollha.

Il-KESE jisħaq mill-ġdid fuq dawn ir-rakkomandazzjonijiet.

1.3 Fl-aħħar Komunikazzjoni tagħha, il-Kummissjoni propo-
niet li l-isforzi tal-UE fil-qasam tar-R&Ż jiġu trasformati fi strate-
ġija bbażata fuq tliet pilastr biex l-appoġġ ma jingħatax biss
lir-R&Ż iżda anki lil-linji pilota sabiex ikunu żviluppati prototipi
u skemi ta’ manifattura avvanzata li jikkonvertu t-teknoloġiji fi
prodotti. F’dan il-kuntest il-KESE għandu żewġ rakkomandazz-
jonijiet. L-ewwel waħda hija li l-enfasi fuq iż-żewġ pilastr li
għodda tal-Istrateġija m’għandha la tneħħi u lanqas tnaqqas
mill-iskala tar-R&Ż tal-UE għax ir-riċerka, b’mod partikolari r-
riċerka bażika, hija ż-żerriegħa li minnha jiżviluppaw it-
Teknoloġiji Ewlenin ta’ Appoġġ tal-ġejjieni. It-tieni waħda hija
li din l-iskema, li tidher li tiddependi mill-promozzjoni ta’
teknoloġiji ġodda fis-suq, għandha tiġi komplementata minn
kontribut fis-suq min-naħa tal-fabbrikanti stabbiliti. Għalhekk
il-KESE jixtieq li ssir iktar enfasi fuq il-bini tal-kapaċità tal-
kumpaniji tal-manifattura fl-UE.

1.4 Il-KESE b’mod ġenerali jappoġġja l-Pjan ta’ Azzjoni
deskritt fis-Sezzjoni 3 hawn taħt. Minkejja dan, fid-dawl tad-
disparitajiet li jeżistu bejn l-Istati Membri, il-KESE jixtieq li l-
programmi ta’ azzjoni jinbnew skont il-ħiliet u l-kapaċitajiet ta’
kull reġjun.

1.5 Ċerti komponenti tal-pjan ta’ azzjoni wisq probabbli
jirrikjedu iktar impetu b’mod partikolari l-modernizzazzjoni
tal-għajnuna mill-Istat, il-kapital ta’ riskju, in-negozjati dwar
id-drittijiet tal-proprjetà intellettuali (IPR) fil-kuntest globali,
in-negozjati fil-qasam tal-kummerċ fl-industriji tat-teknoloġiji
avvanzati, it-titjib fl-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livelli kollha b’en-
fasi speċjali fuq l-inġiniera u x-xjentisti.

⁽¹⁾ ĠU C 48, 15.2.2011, p. 112.

⁽²⁾ COM(2009) 512 final.

1.6 Minkejja li l-Pjan ta' Azzjoni jindirizza l-governanza tal-proġett tat-Teknoloġiji Ewlenin ta' Appoġġ, il-modalitajiet m'humiex ċari u għalhekk il-programm jista' jkun li nieqes mill-impetu.

2. Introduzzjoni

2.1 Il-Kummissjoni qabbdet Grupp ta' Livell Għoli (HLG) biex jistudja r-rispons lejn l-ewwel Komunikazzjoni u jħejji rapport⁽³⁾, li ġie ppubblikat f'Ġunju 2011. Sussegwentement, din it-tieni Komunikazzjoni tħejji "Strateġija Ewropea għat-Teknoloġiji Ewlenin ta' Appoġġ".

2.2 Fir-rapport tiegħu l-Grupp ta' Livell Għoli identifika d-diffikultajiet prinċipali tal-Ewropa hija u tittrasforma l-ideat tagħha fi prodotti għas-suq, hija u taqsam dak li fuq livell internazzjonali huwa magħruf bħala l-"Wied tal-Mewt". Sabiex tissupera dan il-wied il-Grupp ta' Livell Għoli jirrakkomanda strateġija li tikkonsisti fi tliet pilastri:

- il-pilastru tar-riċerka teknoloġika bbażat fuq faċilitajiet teknoloġiċi appoġġjati minn organizzazzjoni ta' riċerka teknoloġika;
- il-pilastru tal-iżvilupp tal-prodott ibbażat fuq linji pilota u proġetti ta' dimostrazzjoni appoġġjati minn konsorzji industrijali;
- il-pilastru tal-manifattura kompetittiva bbażata fuq faċilitajiet tal-manifattura kompetittivi fuq livell globali u appoġġjati mill-kumpaniji ta' referenza (anchor companies).

2.3 Il-proposta mressqa hija li tiġi żviluppata industrija għall-manifattura avvanzata li tiġġenera sors ta' dħul mill-esportazzjoni u tappoġġja l-produtturi downstream ta' makkinarju kapaċi jipproduċi l-iktar teknoloġiji avvanzati tal-manifattura fl-Ewropa (makkinarju, software, servizzi eċċ) kif ukoll li jiġu żviluppati u mtejbja s-sistemi tal-manifattura (it-teknoloġija u l-proċessi) sabiex jinbnew faċilitajiet tat-teknoloġiji avvanzati tal-manifattura fl-Ewropa.

2.4 Dawn huma l-11-il rakkomandazzjoni:

- li t-Teknoloġiji Ewlenin ta' Appoġġ isiru prijorità teknoloġika fl-Ewropa
- li l-UE tapplika d-definizzjoni tar-R&Ż skont l-iskala TRL (Technology Readiness Levels)
- li jiġi sfruttat bis-sħiħ l-iskop tad-definizzjonijiet rilevanti tar-R&Ż
- li jsir bilanċjar ġdid tal-programmi ta' finanzjament tal-UE għar-R&Ż
- li jittieħed approċċ strateġiku lejn il-programmi tat-Teknoloġiji Ewlenin ta' Appoġġ

— li jitwaqqfu sett ta' regoli adegwati għall-implimentazzjoni tal-programmi tat-Teknoloġiji Ewlenin ta' Appoġġ

— li jkun hemm mekkaniżmi kkombinati ta' finanzjament

— li jkun hemm dispożizzjonijiet ta' għajjnuna mill-Istat għat-Teknoloġiji Ewlenin ta' Appoġġ

— li jkun hemm politika tal-proprietà intellettuali globalment kompetittiva fl-Ewropa

— li jinbnew, jissaħħu u jinżammu l-ħiliet fil-qasam tat-Teknoloġiji Ewlenin ta' Appoġġ

— li jkun hemm osservatorju u korp konsultattiv tat-Teknoloġiji Ewlenin ta' Appoġġ Ewropew.

3. Il-kontenut tal-Komunikazzjoni

3.1 "Skont ir-riċerka kurrenti, l-analiżijiet ekonomiċi tax-xejriet tas-suq u l-kontribut tagħhom fit-tfittxija għal soluzzjoni għall-isfidi tas-soċjetà, il-mikro/nanoelettronika, in-nanoteknoloġija, il-fotonika, il-materjali avvanzati, il-bijoteknoloġija industrijali u t-teknoloġiji avvanzati tal-manifattura ġew identifikati bħala l-KETs tal-UE."

3.2 Fl-analiżi tagħha tas-sitwazzjoni, il-Kummissjoni tqajjem dawn il-punti:

- L-Unjoni Ewropea hija fuq quddiem nett fid-dinja fl-iżvilupp tat-Teknoloġiji Ewlenin ta' Appoġġ.
- L-UE mhux qiegħda tikkapitalizza fuq il-bażi tagħha ta' għarfien.
- Id-dgħjufija ewlenija tal-UE hija li ma tittraduċix il-bażi tal-għarfien tagħha fi prodotti u servizzi.
- In-nuqqas ta' manifattura tat-Teknoloġiji Ewlenin ta' Appoġġ hija ta' detriment għal żewġ raġunijiet: fit-terminu l-qasir jintilfu l-oportunitajiet ta' tkabbir u ħolqien tal-impjieġ filwaqt li fit-tul il-bażi tal-għarfien tonqos.

3.3 Il-Komunikazzjoni tagħti dawn ir-raġunijiet għal dawn in-nuqqasijiet:

- nuqqas ta' definizzjoni u fehim komuni dwar it-Teknoloġiji Ewlenin ta' Appoġġ;
- nuqqasijiet ta' politika li tippermetti l-isfruttament tal-potenzjal sinerġistiku tat-Teknoloġiji Ewlenin ta' Appoġġ u l-aċċellerazzjoni tal- "ħin biex jaslu sas-suq";
- nuqqas ta' proġetti ta' dimostrazzjoni tal-prodotti u prova tal-kunċett;
- nuqqas ta' użu u koordinazzjoni effettivi tar-riżorsi pubbliċi;
- aċċess insuffiċjenti għal sorsi xierqa ta' kapital ta' riskju;

⁽³⁾ http://ec.europa.eu/enterprise/sectors/ict/files/kets/hlg_report_final_en.pdf

- frammentazzjoni tas-suq intern tal-UE u, b'riżultat ta' dan, differenzi regolatorji bejn bosta reġjuni u l-Istati Membri;
- nuqqas ta' ħaddiema tas-sengħa u intraprendituri.

3.4 L-Istrateġija preżentata f'din il-Komunikazzjoni għandha l-għan li:

- fil-qafas finanzjarju multiannwali li jmiss, tiffoka l-politiki tal-UE fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni u l-politika tal-koeżjoni, u tagħti prijorità lill-attivitajiet ta' self tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) favur l-użu tat-Teknoloġiji Ewlenin ta' Appoġġ;
- tiżgura l-koordinazzjoni tal-attivitajiet tal-UE u daww nazzjonali sabiex jinkisbu sinerġiji u komplementaritajiet bejniethom u fejn ikun hemm bżonn tgħaqqad ir-riżorsi;
- tistabbilixxi Grupp Estern tal-Kwistjonijiet tat-Teknoloġiji Ewlenin ta' Appoġġ li jagħti pariri lill-Kummissjoni dwar kwistjonijiet politiċi marbuta mat-Teknoloġiji Ewlenin ta' Appoġġ;
- li timmobilizza l-istrumenti kummerċjali eżistenti biex tiżgura kompetizzjoni ġusta u kundizzjonijiet internazzjonali uniformi.

3.5 Dan li ġej hu sommarju tal-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni:

3.5.1 Adattament tal-istrumenti tal-UE

- Orizzont 2020
 - allokazżjoni ta' EUR 6,7 biljun
 - bilanċjar ġdid lejn linji pilota/proġetti ta' dimostrazżjoni
 - proġetti komuni
 - kriterji tal-għażla
- Fondi Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali
 - speċjalizzazzjoni intelliġenti
 - azzjonijiet speċifiċi għall-clusters
- il-modernizzazzjoni tal-għajjnuna mill-Istat
- ftehim mal-BEI
- il-promozżjoni tal-ħiliet multidixxiplinarji meħtieġa

3.5.2 Koordinazzjoni

- sinerġiji mal-politiki tal-innovazzjoni industrijali nazzjonali
- memorandum ta' fehim bejn il-partijiet interessati industrijali

3.5.3 Governanza

- grupp ta' koordinazzjoni dwar it-Teknoloġiji Ewlenin ta' Appoġġ fl-Orizzont 2020

- grupp estern dwar il-kwistjonijiet tat-Teknoloġiji Ewlenin ta' Appoġġ

3.5.4 Ħiliet – il-Kummissjoni ser:

- taħt il-programm Orizzont 2020, tkompli bl-azzjonijiet, u ssaħħaħhom, biex tattira ż-żgħażaġħ lejn it-Teknoloġiji Ewlenin ta' Appoġġ;
- thegħgeġ it-twaqqif mill-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) ta' Komunitajiet tal-Għarfien u l-Innovazzjoni (KICs) dwar il-manifattura bil-valur miżjud li tintegra n-negozju, ir-riċerka u l-edukazzjoni għolja f'dan il-qasam;
- tippubblika Komunikazzjoni li se tindirizza l-isfidi li qed jimbidlu u jevolvu malajr u li huma marbuta mal-forniment tal-ħiliet fl-UE qabel tmien l-2012;
- tiżviluppa sħubijiet bejn l-edukazzjoni u n-negozzi bħall-Alleanzi tal-Għarfien għall-Edukazzjoni Għolja (HE); u
- tħares lejn modi ta' kif iżżid il-forniment ta' ħaddiema b'livell għoli ta' ħiliet fl-oqsma marbuta mat-Teknoloġiji Ewlenin ta' Appoġġ, inkluż permezz ta' talent b'livell għoli ta' ħiliet minn barra l-UE.

3.5.5 Il-kummerċ

- Il-Kummissjoni se taħdem biex tiżgura ambjent kummerċjali favorevoli u kundizzjonijiet globali uniformi. Dan jinkludi l-iffaċilitar tal-aċċess għas-swieq u l-opportunitajiet tal-investment, l-evitar tat-tgħawwiġ fis-suq internazzjonali, it-titjib tal-ħarsien tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, il-promozżjoni tar-reċiproċità partikolarment fl-akkwist pubbliku, it-tnaqqis tal-użu tas-sussidji u t-tariffi u l-ostakli mhux tariffarji fil-livell globali u l-verifika tal-konformità mar-regoli applikabbli tal-UE u tad-WTO.

4. Kumpaniji Ewropej ta' manifattura ta' teknoloġija avvanzata

4.1 L-Istrateġija tat-Teknoloġiji Ewlenin ta' Appoġġ hija magħmula biex tippromovi manifattura bbażata fl-UE ta' prodotti ta' teknoloġija avvanzata essenzjali għall-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini Ewropej u n-negozji Ewropej fil-qafas tal-2020 u wara. Il-manifattura bbażata fl-UE ta' prodotti ta' teknoloġija avvanzata attwalment mhix kompetittiva biżżejjed fis-swieq globali minkejja li r-R&Ż Ewropej huma meqjusa ta' klassi dinjija. Din il-problema mhix meqjusa bħala nuqqas fil-kapaċità u l-ħila ta' manifattura fl-Ewropa iżda nuqqas ta' trażmissjoni bejn il-qasam tar-R&Ż u l-manifattura. Fil-fatt l-għan tal-Istrateġija tal-Kummissjoni huwa li timbotta t-teknoloġija lejn il-fabbrikanti. Fil-verità, il-KESE jemmen li sabiex it-trażmissjoni tkun ta' suċċess tirrikjedi produtturi kapaċi li jħeġġu t-teknoloġija u fl-opinjoni tal-KESE l-Ewropa m'għandhiex biżżejjed kumpaniji li qed jikkompetu fis-setturi globali tal-manifattura tat-teknoloġiji avvanzati.

4.2 Iż-żewġ tabelli t'hawn taħt ittieħdu mill-edizzjoni 2012 tal-analiżi tal-Financial Times dwar l-aqwa 500 kumpanija globali u l-aqwa 500 kumpanija fir-reġjuni maġġuri. Ġew analizzati biss is-setturi tal-manifattura ta' teknoloġija avvanzata.

4.3 Il-kumpaniji kkwotati ma jirrappreżentawx stampa kompleta iżda l-KESE hu sodisfatt li huma indikatur preċiż tas-saħħa relattiva li għandhom ir-reġjuni fid-dinja fil-qasam tal-manifattura.

It-tabella "Global 500" hawn taħt turi n-numru ta' kumpaniji f'kull settur tal-manifattura tat-teknoloġija avvanzata. Is-swieq emerġenti (SE) jinkludu fost oħrajn, l-erba' pajjiżi BRIC. F'dan il-livell l-Ewropa għandha pożizzjoni ta' mexxejja biss fil-qasam tal-inġinerija industrijali iżda t-tabella reġjonali tagħti stampa iktar sħiħa.

FT Global 500						
Settur	Numu ta' kumpaniji					
	Globali	Stati Uniti	Ġappun	SE	EUR	
Farmaċewtika & Bijoteknoloġija	22	11	2	0	6	Novartis (*), Roche (*), GSK, Sanofi- Aventis, AstraZeneca, Novo Nordisk Shire
It-teknoloġija tal-hardware	16	10	1	2	3	ASML, Ericsson, Nokia
Software & servizzi tal-kompjuters	13	7	1	4	1	SAP
Vetturi u parts	17	3	5	5	4	Daimler, VW, BMW, Continental
Kimika	18	7	1	4	5	Bayer, BASF, Air Liquide, Syngenta (*), Linde
It-tagħmir tal-kura tas-saħħa	13	10	0	0	3	Fresenius, Synthes (*), Essilor
Industriji ġenerali	12	5	1	5	1	Siemens
Inġinerija industrijali	13	4	3	1	5	ABB (*), Volvo, Atlas Copco, MAN, Sandvik
Ajruspazju u difiża	7	5	0	0	2	Rolls Royce, EADS
Tagħmir u servizzi taż-żejt	11	7	0	0	2	Sarpem, Transocean (*)
Tagħmir tad-divertiment	4	0	3	0	1	Philips Electrical
Elettronika u elettriku	4	1	1	1	1	Schneider Electric

(*) Il-kumpaniji li huma mmarkati b'asterisk (*) huma Svizzeri, mhux fl-UE.

4.4 It-tabella reġjonali turi n-numru ta' kumpaniji u l-kapitalizzazzjoni tas-suq aggregat. Din tagħti indikazzjoni tas-saħħa ta' kull reġjun filwaqt li l-limitu tas-suq jindika d-daqs u s-suċċess relattiv ta' kull settur reġjonali.

4.5 L-Ewropa għandha pożizzjoni mexxejja fl-inġinerija kimika u industrijali. Hija għandha pożizzjoni b'saħħitha fil-farmaċewtika u l-bijoteknoloġija kif ukoll fis-settur tal-karozzi. L-Istati Uniti tiddomina fil-qasam tat-tagħmir tal-kura tas-saħħa kif ukoll hardware u software filwaqt li l-Ġappun u l-SE huma iktar b'saħħithom mill-UE fejn jidħol hardware.

4.6 Din l-analiżi turi biċ-ċar li programm tat-Teknoloġiji Ewlenin ta' Appoġġ għandu jkollu strateġija għat-tisħiħ tas-setturi fejn l-Ewropa hija dgħajfa u jisfrutta s-setturi fejn l-Ewropa għandha saħħa relattiva. Għandu jsir sforz speċifiku fit-teknoloġija tal-mediċina u t-tagħmir tal-kura tas-saħħa.

FT Regional 500 Setturi tal-manifattura tat-teknoloġija								
Settur	Numru ta' kumpaniji (#) u valur tas-suq (\$ biljuni)							
	Stati Uniti		Ġappun		SE		Ewropa	
	#	\$	#	\$	#	\$	#	\$
Farmaċewtika & Bijoteknoloġija	21	948	27	176	8	48	15	708
It-teknoloġija tal-hardware	33	1,391	18	146	9	146	7	111
Software & servizzi tal-kompjuters	25	1,083	12	58	5	109	7	126
Vetturi u parts	9	161	38	446	10	115	13	290
Kimika	16	286	32	133	16	262	22	384
It-tagħmir tal-kura tas-saħħa	29	495	5	20	1	4	10	114
Industriji ġenerali	7	409	8	36	9	87	5	125
Inġinerija industrijali	13	247	34	217	15	143	21	275
Ajruspazju u difiża	12	269	0	0	1	5	9	115
Tagħmir u servizzi taż-żejt	16	324	0	0	1	10	2	119
Tagħmir tad-divertiment	2	25	14	118	0	0	1	20
Elettronika u elettriku	10	125	27	153	7	77	6	61
Enerġija alternattiva	0	0	0	0	1	4	0	0

5. Il-perspettiva tal-KESE

5.1 Sa mill-1957 fl-UE rajna jitwiċċdu biss tliet kumpaniji globali tat-teknoloġija avvanzata: ASML, Nokia u SAP. L-Ewropa baqgħet kontinwament lura. Dan jindika falliment tal-kapitaliżmu u l-intraprenditorja meta wieħed iqabbel mas-suċċessi ta' kumpaniji fl-Istati Uniti fl-istess perjodu u l-avvanzi li saru fl-Asja min-naħa tal-Ġappun, it-Tajwan, il-Korea u issa ċ-Ċina.

5.2 Filwaqt li f'bosta oqsma l-Amerka tipprattika l-kapitaliżmu tas-suq ħieles, il-kumplex militari/industrijali huwa marbut ma' universitajiet mexxejja fuq skala globali u dan joħloq żona fertili ħafna għall-innovazzjoni, u firxa ta' ideat li jiġu sfruttati fil-kultura tal-intrapriża u s-suq kbir.

5.3 Il-pajjiżi tal-Asja jipprovdu ħafna appoġġ mill-Istat u jipproteġu l-industriji emerġenti sakemm dawn isiru industriji stabbiliti. Iż-żewġ naħat kienu miftuħa u miġbuda lejn investiment interjuri fit-teknoloġija avvanzata. Huma assorbew it-teknoloġija trasferiti fl-investiment interjuri u qed jisfruttawhom.

5.4 Is-sitwazzjoni tal-Ewropa hi differenti ħafna u n-nuqqas ta' omoġenità huwa fattur prinċipali. Fi kważi kull dimensjoni, il-PDG per capita, ir-rati tal-qgħad, l-infrastruttura tal-kumpaniji, l-infrastruttura universitarja, il-prestazzjoni fl-iskejjel, is-swieq kapitali, il-flessibbiltà fis-suq tax-xogħol, il-firxa tal-internet eċċ. jeżistu differenzi kbar bejn is-sitt sottoreġjuni tal-UE hekk kif identifikati mill-Bank Dinji. Dawn huma l-UE 15 tat-Tramuntana (il-Gżejjer Brittaniċi, il-Pajjiżi Nordiċi), l-UE 15 Ċentrali (is-sitt pajjiż tal-bidu mingħajr l-Italja u flimkien mal-Awstrija), l-UE tan-Nofsinhar (l-4 Stati tal-Mediterran), l-UE 12 tat-Tramuntana (il-pajjiżi Baltiċi), l-UE 12 Ċentrali (PL, CZ, HU, SI, SK) u l-UE tan-Nofsinhar (RO u BG).

5.5 Fi sforz sabiex jiġi stabbilit livell dinji fil-qasam tal-kapaċità tat-Teknoloġiji Ewlenin ta' Appoġġ ikun jagħmel sens li dawn il-prattiki u l-programmi jiġu adattati għal dawn is-sitt gruppi b'mod li jqis il-livell tal-universitajiet u l-istabbilimenti ta' riċerka, il-ħiliet xjentifiċi u teknoloġiċi tal-forza tax-xogħol, il-kapaċitajiet tas-swieq eżistenti tal-kumpaniji ta' manifattura eċċ. Jekk dan isir, l-isforzi jingħataw prijorità skont ir-reġjun u l-aqwa reġjuni jkunu fuq quddiem. Il-politiki ta' koeżjoni li tippromponi l-Kummissjoni għandhom jitqiesu f'dan il-kontest.

5.6 Il-Kummissjoni tmexxi l-UE permezz tal-leġislazzjoni u ħlas finanzjarju appoġġat mill-osservatorji u l-aġenziji. Dan jista' jkun effettiv fl-oqsma fejn Kummissarju wieħed jista' jieħu responsabbiltà sħiħa għal inizzjattiva. Jeżistu mill-inqas sitt Kummissarji involuti fil-proġett tat-Teknoloġiji Ewlenin ta' Appoġġ u l-KESE ma jemminx li l-proġett jista' jirnexxi mingħajr konċentrazzjoni fejn tidħol awtorità u mod iktar dirett ta' governanza.

5.7 Jeħtieġ li jiġi sfidat l-għarfien konvenzjonali. Eżempju wieħed huwa l-approċċ reġjonali. Kemm il-Grupp ta' Livell Għoli kif ukoll il-Komunikazzjoni jagħrfu li l-mekkaniżmi tal-għajnuna mill-Istat għandhom jinħasbu mill-ġdid

għall-proġetti tat-Teknoloġiji Ewlenin ta' Appoġġ. Il-Komunikazzjoni ma tindirizzax il-proposti dwar id-drittijiet tal-proprietà intellettuali bl-intensità deskritta fir-rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli⁽⁴⁾. Il-KESE jilqa' dak li tgħid il-Komunikazzjoni dwar il-kummerċ u ma jħossx li l-politiki kummerċjali eżistenti jħarsu biżżejjed l-interessi tal-UE. Dan qasam ieħor li jista' jibbenefika minn governanza ġdida u l-insewiment bla rażan tal-interessi tal-UE.

5.8 Il-KESE jilqa' l-bidla fl-enfasi li ġab miegħu l-Grupp ta' Livell Għoli billi ġibed l-attenzjoni mill-appoġġ għar-R&Ż għal approċċ magħmul minn tliet pilastri. F'dan ir-rispett l-FP7 issa jidher li huwa pjuttost dgħajef. Il-KESE inkwetat ukoll li jista' jkun li ma hemmx biżżejjed kumpaniji fl-UE bil-kapaċitajiet, il-prodotti u l-firxa globali sabiex joħolqu u jpoġġu fuq is-suq ir-riżultati tal-pilastru tar-R&Ż. Il-proposta sħiħa mibnija fuq l-ipotesi li t-tieni u t-tielet pilastri jistgħu jmexxu t-Teknoloġiji Ewlenin ta' Appoġġ fis-suq. Fir-realtà, it-Teknoloġiji Ewlenin ta' Appoġġ huma iktar imbuttati minn kumpaniji ta' teknoloġija avvanzata bħall-BMW, Bayer, Rolls Royce u Airbus. L-UE għandha tiżviluppa, flimkien mal-Istati Membri, strateġija sabiex tappoġġja u tiżviluppa iktar kumpaniji tal-prodott finali ta' klassi dinjija. Il-kumpaniji eżistenti għandhom jingħataw l-inċentivi sabiex jespandu l-linji ta' prodotti tagħhom ma' prodotti ġodda b'livell għoli ta' Teknoloġiji Ewlenin ta' Appoġġ immirati lejn is-swieq globali. Il-Kummissjoni sqarret bosta drabi li t-Teknoloġiji Ewlenin ta' Appoġġ jistgħu joħolqu t-tkabbir u l-impjiegi. Il-KESE għandu perspettiva differenti; huma l-kumpaniji li jużaw it-Teknoloġiji Ewlenin ta' Appoġġ li jistgħu joħolqu t-tkabbir u l-impjiegi. L-UE għandha bżonn iktar kumpaniji bi prodotti u swieq li jistgħu jisfruttaw it-Teknoloġiji Ewlenin ta' Appoġġ.

5.9 Meta t-Teknoloġiji Ewlenin ta' Appoġġ ma jiġux imbutti fis-suq minn kumpaniji stabbiliti tal-prodott finali, jeħdulhom posthom l-intraprendituri. Min-naħa tagħhom, l-intraprendituri jserrħu fuq il-kapital ta' riskju jew kumpaniji stabbiliti miġbuda lejn l-intraprendituri. L-IBM kien sponsor tal-Microsoft u salva lill-Intel, l-Apple kienet sponsor tad-dividenti tal-ARM li issa hi rivali tal-Intel, kemm il-Google kif ukoll il-Facebook irċevew investimenti minn investituri sinjuri fl-industrija tat-teknoloġija, kapital ta' riskju ieħor appoġġja lill-Google u l-Microsoft lill-Facebook. Fl-Ewropa, l-intraprendituri Nordiċi responsabbli mill-iSkype u l-Angry Birds irċevew kapital ta' riskju minn Londra u Kalifornja.

⁽⁴⁾ Il-Grupp ta' Livell Għoli jirakkomanda li l-UE tadatta d-dispożizzjonijiet dwar l-għajnuna mill-Istat sabiex tiffaċilita l-attivitajiet tar-RDI u l-investiment fuq skala wiesgħa b'mod partikolari bl-introduzzjoni ta' klawżola kumplementari fil-qafas tal-UE tal-għajnuna mill-Istati fil-bord, ir-reviżjoni tal-mekkaniżmu tat-tnaqqis għall-investimenti l-kbar u żieda fil-limiti tan-notifiċi, proċeduri iktar rapidi u l-użu ta' proġetti ta' interess komuni Ewropew.

5.10 Il-proġett tat-Teknoloġiji Ewlenin ta' Appoġġ huwa mikrokożmu tal-isfida ikbar tal-ħolqien tal-prosperità fl-UE. L-Istati Uniti għandhom strateġija mmexxija mis-suq filwaqt li fl-Asja hemm politiki mmexxija mill-Istat. L-Istati Membri tal-UE bħall-Ġermanja u l-pajjiżi Nordiċi għandhom politiki ta' suċċess iżda ħafna oħrajn m'għandhomx. Fil-livell ġenerali tal-UE, il-Komunikazzjoni tpoġġi r-riżorsi limitati tal-UE għall-programm tat-Teknoloġiji Ewlenin ta' Appoġġ iżda l-KESE jibża' li l-mudell tal-ħolqien tal-prosperità mhux ser ikun effettiv biżżejjed fid-dawl tal-kompetizzjoni globali.

6. Kummenti speċifiċi

6.1 Il-KESE hu inkwetat li l-“irribilanċjar” lejn it-tieni u t-tielet “pilastru” jista' jimplika tnaqqis fl-iskala tar-R&Ż fl-UE. Il-KESE dan ma jappoġġjahx. Hemm bżonn ta' riċerka bażika b'saħħha sabiex tipprowdi għall-ġenerazzjoni li jmiss ta' innovazzjoni. It-teknoloġija moderna hija bbażata l-iktar fuq ir-riżultati mhux mistennija tar-riċerka bażika.

6.2 Billi l-UE m'għandhiex kumpless militari/industrijali fuq l-iskala tal-Istati Uniti (jew taċ-Ċina), ix-xjenza tagħha jeħtieġ li tiġi stimulata u sfidata b'modi oħra. Dan huwa l-valur ta' proġetti bħall-Galileo u l-ITER.

6.3 Il-KESE jilqa' l-enfasi fuq l-edukazzjoni u l-ħiliet. Madanakollu jinnota li l-Komunikazzjoni tenfasizza t-tnaqqis fil-gradwati tal-UE fil-qasam tax-xjenza u l-inġinerija. Id-defiċit fl-UE fix-xjenza u l-inġinerija fil-livelli kollha tal-edukazzjoni huma problema kbira kemm għall-kompetittività tal-UE b'mod ġenerali kif ukoll għall-proġett tat-Teknoloġiji Ewlenin ta' Appoġġ b'mod partikolari. Il-pjani elenkati fil-Komunikazzjoni huma inqas minn adegwati fid-dawl tal-kobor u l-urġenza tal-problema.

6.4 Il-KESE reċentement ta l-opinjoni tiegħu dwar il-Komunikazzjoni dwar il-Modernizzazzjoni tal-Għajjnuna mill-Istat ⁽⁵⁾.

Fil-kuntest tat-Teknoloġiji Ewlenin ta' Appoġġ, it-tħassib muri fil-punti 1.5.1 (id-definizzjoni tal-falliment tas-suq), 1.6.3 u 1.6.4 (kundizzjonijiet ekwi) huwa rilevanti. Fl-isforzi għall-ħarsien tal-kompetizzjoni fis-suq intern, ġiet mhedda l-kompetittività esterna tal-UE.

6.5 Il-Komunikazzjoni tinnota li l-attività fil-qasam tal-kapital ta' riskju naqset fl-UE matul dawn l-aħħar għaxar snin u timmira li tissostitwixxi l-fondi tal-kapital tar-riskju b'fondi tal-UE. Filwaqt li nilqgħu dan, dan mhux biżżejjed. Il-KESE jirrakkomanda li l-UE taħdem mal-Istati Membri sabiex toħloq il-prerekwiżiti għall-kapital ta' riskju fl-Ewropa.

6.6 Il-Kummissjoni infurmat lill-KESE dwar l-intenzjonijiet tagħha għall-Grupp tal-Kwistjonijiet tat-Teknoloġiji Ewlenin ta' Appoġġ, dak li ser jieħu post il-Grupp ta' Livell Għoli. *Apparti rappreżentanti tat-teknoloġija għal kull wieħed mis-sitt Teknoloġiji Ewlenin ta' Appoġġ (in-nanoteknoloġiji, il-mikroelektroniki, il-bijoteknoloġija, il-fototonika, il-materjali avvanzati, sistemi avvanzati ta' manifattura), huwa propost li jkun hemm rappreżentati tat-Teknoloġiji Ewlenin ta' Appoġġ differenti (ħafna mill-prodotti innovattivi huma kombinazzjoni ta' Teknoloġiji Ewlenin ta' Appoġġ differenti) u sabiex ikollha iktar utenti fl-industrija downstream (eżempju l-aeronawtika, il-qasam tal-vetturi, l-ispazju, il-bini, l-enerġija, l-ikel, tagħmir mediku, tagħmir, disinn...) mill-ewwel Grupp ta' Livell Għoli (billi l-Istrateġija tat-Teknoloġiji Ewlenin ta' Appoġġ timmira li tagħti spinta lill-manifattura industrijali tal-prodotti bbażati fuq it-Teknoloġiji Ewlenin ta' Appoġġ).*

6.7 Ħafna jiddependi mill-kumpaniji rappreżentanti, l-influwenza tagħhom fuq il-Grupp tal-Kwistjonijiet li huwa ħafna (u ħafna) ikbar, is-suċċess tal-Grupp f'li jgħin lill-118-il kumpanija reġjonali fis-settur tal-manifattura ta' teknoloġija avvanzata sabiex jiksbu status globali u fuq livell iktar importanti, is-suċċess tiegħu f'li jippromovi l-ħruġ ta' dawn il-118-il kumpanija fil-livell lokali.

Brussell, 12 ta' Diċembru 2012.

*Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Staffan NILSSON*

⁽⁵⁾ Il-modernizzazzjoni tal-għajjnuna mill-Istat (ĠU C 11, 15.1.2013).